

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Amtsgericht Potsdam (il-Ġermanja) fil-11 ta' Lulju 2019 – Möbel Kraft GmbH & Co. KG vs ML

(Kawża C-529/19)

(2019/C 348/07)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Amtsgericht Potsdam

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Möbel Kraft GmbH & Co. KG

Konvenut: ML

Domandi preliminari

Id-dritt ta' rtirar taħt l-Artikolu 16(c) tad-Direttiva dwar drittijiet tal-konsumatur ⁽¹⁾ huwa eskluż ukoll fejn l-oġġetti jsiru skont l-ispeċifikazzjonijiet tal-konsumatur, iżda fejn il-bejjiegħ ikun għadu ma bediex bil-produzzjoni tal-oġġetti u meta l-aġġustamenti għand il-konsumatur ikunu ser isiru mill-bejjiegħ innifsu, mhux permezz ta' terz? Huwa rilevanti l-punt dwar jekk huwiex possibbli li l-oġġetti jitqiehdu lura fl-istat li fi h kienu jinsabu qabel l-individwalizzazzjoni bi spejjeż baxxi għal żarmar, bħal, pereżempju, madwar 5 fil-mija tal-valur tal-oġġetti?

⁽¹⁾ Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2011 L 304, p. 64).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesgerichtshof (il-Ġermanja) fis-16 ta' Lulju 2019 – WV vs Landkreis Harburg

(Kawża C-540/19)

(2019/C 348/08)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Bundesgerichtshof

Partijiet fil-kawża prinċipali

Appellant: WV

Appellat: Landkreis Harburg

Domanda preliminari

Organu pubbliku li pprovda lil kreditur ta' manteniment b'benefiċċji ta' ghajjnuna soċjali skont dispożizzjonijiet tad-dritt pubbliku jista' jipprevalixxi ruħu mill-qorti tal-post fejn il-kreditur ta' manteniment għandu r-residenza abitwali tiegħu skont l-Artikolu 3(b) tar-Regolament Nru 4/2009 ⁽¹⁾ fil-każ li jeżiġi, fuq bażi surrogatorja, kontra d-debitur ta' manteniment, il-kreditur ta' manteniment ta' natura ċivili tal-kreditur ta' manteniment li, minħabba l-għoti tal-ghajjnuna soċjali, ġie ttrasferit lilu permezz ta' surroga legali?

⁽¹⁾ Regolament (KE) Nru 4/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar il-gurisdiżzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonossiment u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u l-kooperazzjoni f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment (ĠU 2009 L 7, p. 1).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesverwaltungsgericht (il-Ġermanja) fis-16 ta' Lulju 2019 – BZ vs Westerwaldkreis

(Kawża C-546/19)

(2019/C 348/09)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Bundesverwaltungsgericht

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: BZ

Konvenut: Westerwaldkreis

Domandi preliminari

1. a) Il-projbizzjoni ta' dħul maħruġa kontra ċittadin ta' pajjiż terz għal finijiet "mhux marbuta mal-migrazzjoni" taqa' fi kwalunkwe każ fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment ⁽¹⁾, jekk l-Istat Membru ma jkunx għamel użu mill-possibbiltà taħt l-Artikolu 2(2)(b) ta' din id-direttiva?
- b) Fil-każ li r-risposta li tingħata għall-punt (a) tal-ewwel domanda tkun fin-negattiv: tali projbizzjoni ta' dħul hija eskluża mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2008/115 anki jekk, indipendentement mid-digriet ta' tkeċċija maħruġ fil-konfront tiegħu, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz huwa resident illegali u b'hekk jaqa', bħala prinċipju, fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva?
- c) Projbizzjonijiet ta' dħul maħruġa għal finijiet "mhux marbuta mal-migrazzjoni" jinkludu projbizzjoni ta' dħul maħruġa inkonessjoni ma' ordni ta' tkeċċija għal raġunijiet ta' sigurtà pubblika u ordni (fil-każ ineżami: biss għal raġunijiet kawtelatorji ġenerali fil-kuntest tal-ġlieda kontra t-terroriżmu)?